KUNSILL LOKALI **SAN PAWL IL-BAĦAR** LOCAL COUNCIL
**Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe**
sanpawlil-bahar.lc@gov.mt, Tel: 21585888,

Laqgħa Urġenti tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar numru 61, miżmuma nhar il-Erbgħa 20 ta' Ġunju 2018 , ġewwa l-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar.

Il-Laqgħa bdiet fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija.

---

Membri Preżenti:

- Anne Fenech Sindku
- Graziella Galea Kunsillier
- Antoinette Bezzina Kunsillier
- Stephen Cremona Kunsillier
- Joseph Vella Kunsillier
- Alfred Grima Kunsillier
- Paul Bugeja Kunsillier
- Rodney Galea Kunsillier
- Robert Piscopo Kunsilier
- Edward Bugeja Kunsilier

Membri Skużati:

- Daniel Grima Viċi Sindku
- Mandy Buhagiar Kunsillier
- Dounia Borg Kunsillier

Segretarju Eżekuttiv – Mariella Strout

DRAFT

AĠENDA 61

61.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

61.2 PA 1514/16 – *Proposed fuel service station, including storage at basement level, class 4b shop, tyre service garage, ATM and car wash facilities at ground floor level.*

61.3 Tmiem il-laqgħa

-

---

Minuti 61

**61.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

**61.2 - PA 1514/16 – *Proposed fuel service station, including storage at basement level, class 4b shop, tyre service garage, ATM and car wash facilities at ground floor level.***

Is-Sindku nformat li ngħajtet din il-laqgħa b'urġenza b'referenza għal mozzjoni li ġiet prezentata mil-Kunsilier Alfred Grima u li ssekonda l-Kunsillier Joseph Vella dwar l-pompa tal-petrol f'Burmarrad.

Il-Kunsillier Alfred Grima fakkar li fil-laqgħa Nr.39 li nzammet f'Awwissu 2017 fejn eżatt qabel spiċċat il-laqgħa s-Sindku preċedenti Graziella Galea talbet sospenzjoni biex jitkelmu dwar l-item li qed jiġi diskuss illum. Kompla jispjega li l-Kunsill swietu is-somma ta €1080 kif ukoll l-ispejjes tal-Avukatt li fuq kollox ma kienx Dr. Larry Formosa li rraprezenta il-Kunsill
Iżda kienet Dr. Sarah Pirotta Chircop Beck u hawn fejn staqsa jekk din l-Avukata

tgħamilx parti mill-uffiċju tal-Avukat Formosa. Is-Segretarja Eżekuttiva informat li ser tiċċekja dwar dan.

Kompla jgħid li fl-20 ta' Lulju 2017 waqt seating tal-mepa l-Perit Graziella Galea li rraprezentat l-Kunsill kienet tenniet li waħda mil-problemi eżistenti hi li biex titħol u toħrog mil-Pompa tal-petrol tista tkun illegali kif ukoll *dangerous crossing*. Fakkar ukoll li l-istess Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni għal proġett simili jekk mhux akbar milli sar faċċata li seta' ikun hemm *illegal crossing*.
Il-Kunsillier Alfred Grima tenna ukoll li fl-opinioni tiegħu l-Avukat kellu jinforma lil kunsill biex qabel jaġixxi kellu jieħu l-parir tal-Kunsill.

Il-Kunsillier Paul Bugeja staqsa min ta' l-ordni lil-Avukat biex joħrog l-appel u fuq liema bazi għax l-Kunsill ma kien qabel ma l-ebda bazi. Esprima l-opinjoni li mhux ġust li nstab l-ħin opportun li għalkemm kien hemm il-maġġoranza xorta ma sarx l-aġir kif suppost. Kompla jgħid li xtaq li l-Avukat kien preżenti għal din il-laqgha sabiex ikun jista jwieġeb min taħ l-istruzzjonijiet biex ikompli.

Il-Kunsillier Paul Bugeja tenna li ż-żmien għadda, il-qafas tal-Kunsill inbidel u jider ċar u li l-opinjoni inġenerali issa m'għadiex dik li kien hemm f'Awwissu, barra min hekk l-Avukat kellu jistaqsi qabel jipproċedi għaliex huwa Inġust li titfa appel tal-minoranza meta l-maġġoranza ma taqbilx.

Il-Kunsillier Paul Bugeja ma jaqbilx mad-deċizjonijiet li jiġu meħudin barra mil-laqgha tal-Kunsill.

Is-Segretarja Ezekuttiva Mariella Strout informat li stiednet lil-Avukat Larry Formosa biex jattendi l-laqgħa jew itina xi tip ta' update.

Is sindku informat li ma kinitx taf bl-appel li sar.

Il-Kunsillier Paul Bugeja staqsa lis-Sindku kemm kienet ijlha tokkupa l-kariga ta' Sindku u meta ġie prezentat l-appel.

Sindku informat li ijlha 3 xhur sindku u li l-appel ġie preżentat fil-28 ta' Mejju 2018.

Il-Kunsillier Graziella Galea informat li l-appel sar meta hi kienet Sindku bin-numru 348/17.

Il-Kunsillier Alfred Grima spjega li l-appel daħal fid-dsatax t'Ottubru 2017 w is-smieħ ġie diferut għas-sebgħa ta' Diċembru 2017. Intqaal li t-tTribunal idiferixxa l-appel għal deċizjoni, l-appelant ingħata sa l-aħħar ta' Jannar sabiex jiprezenta notifika lil-awtorita. Dak in-nhar, min kien qed jipresidi qal li l-Kunsill ma kellux dritt jappelaw u għalekk din in-nota.

Il-Kunsillier Robert Piscopo qal li l-bord li kien qiegħed jisma l-appel ordna l-Kunsill u l-ERA rigward din l-punt legali sal-ħmistax ta' Ġunju 2018. Staqsa għalfejn il-Kunsilliera ma kienux informati b'tant. Kompla jgħid li kieku l-Kunsill ma daħħalx sottomozzjoni, l-appel kien jaqa. Apparti min hekk man-nota tas-sottomozjoni lKunsilliera setgħu jgħaddu kumenti li l-Avukat kien jgħamilom f'kuntest legali.

Il-Kunsillier Paul Bugeja staqsa jekk l-Avukat kellux kuntatt mas-Sindku fuq affarijiet oħra w is-Sindku ikonfermat.

Il-Kunsillier Robert Piscopo spjega li l-koncerna tal-Kunsilliera hija din li kien hemm proċedura li kellha issir u jemmen li l-Avukat kellu iqajjem l-issue lil-Kunsill biex tiġi diskussa .

Il-Kunsillier Joseph Vella talab li jsir kuntatt telefoniku ma' l-Avukat, iżda s-Segretarja Ezekuttiva nformat li l-Avukat ma setax ikun preżenti u l-anqas permess ta' kuntatt telefoniku

Il-Kunsillier Joseph Vella talab li jsir kuntatt telefoniku ma l-Ex Agent Deputat Segretarju Ezekuttiv Elke Sghendo.

Wara li sar kuntatt ma l-Ex Agent Deputat Segretarju Ezekuttiv Elke Sghendo, il-Kunsillier Paul Bugeja staqsa jekk l-Avukat Formosa għamilx xi tip ta' kuntatt magħha minn l-aħħar ta' Mejju l'hawn u Is-Sinj. Sghendo wieġbet li kienet hi li għamlet kuntatt miegħu sabiex titolbu għal update dwar is-sitwazzjoni.

Is-Segretarja Ezekuttiva Mariella Strout talbet biex titkellem u informat li fil-bidu

tal-kariga tagħha hi ġiet avviċinata mil-Malta Today rigward id-deċizjoni ta' san is-suġġett u li b'hekk hi kkuntatjat lis-Sinj. Sghendo u li Sinj. Sindku sabiex tkun tista tgħati tweġiba.

Il-Kunsillier Robert Piscopo indirizza lis-Sinj. Sghendo u nforma li qedin jistaqsu għaliex la l-Avukat u l-anqas is-Sindku mavviċinaw lil-Kunsilliera għal aktar konsultazzjoni.

Is-Sinj. Elke Sghendo qalet li ġibdet l-attenzjoni a viva voce u qedgħa tiprova tfittex l-imejl fejn kellha bil miktub dan.

Il-Kunsillier Paul Bugeja ġibed l-attenzjoni li l-Avukat m'ggħamilx sew li għaġixxa b'dak il-mod għaliex il-maġġoranza tal-Kunsill inbidlet u l-ħsibijiet m'għadomx l-istess li kienu qabel.

Is-Segretarja Ezekuttiva staqsiet jekk jridux iwaqqaw l-appel u l-Kunsillier Alfred Grima wieġeb iva.

Ġiet terminata t-telefonata mas-Sinj.Sghendo.

Il-Kunsillier Joseph Vella staqsa jek is-Sinj.Sghendo naqsietx minn xi ħaga, iżda li s-Segretarja Eżekuttiva Mariella Strout wieġbet li s-Sinj. Sghendo ma naqset min xejn.

Il-Kunsillier Edward Bugeja staqsa għalfejn Is-Sindku manformatx lil-Kunsilliera u s-Sindku wieġbet li hima kinitx informata bid-deċizjoni li ħa l-Avukat.

Il-Kunsillier Alfred Grima qal li mhux talli dak inhar ma qabilx anzi kemm kellu raġun li ma jaqbilx ma' l-appell tal-Avukat.

L-ewwel oġġezzjoni kienet li z-zona hija ODZ, mentri kulħadd jaf li z-zoni ODZ għandom dritt legali li japplikaw għal pompa tal-petrol u t-tieni oġġezzjoni hija li l-pompa qedgħa 490metru il-bogħod minn pompa oħra mentri l-liġi tgħid li trid tkun minimu ta 500 metru. Madankollu l-Avukat xorta spjega li huwa "ftit metri il-bogħod" u dan juri kemm l-appel ma kienx wieħed serju u li l-Kunsill qiegħed iħallas l-flus għalxejn. Filfatt l-Kunsill tilef €1080 u ser ikompli jitlef il-flus.

DRAFT

Il-Kunsillier Alfred Grima iħoss li bħala Kunsill għandna niddeċiedu jek nistgħux skond il-ligi li nirtiraw l-appell għax ma tagħmel l-ebda sens li nkomplu noġġezjonaw.

Il-Kunsillier Paul Bugeja stqar li jekk jitnaqqas it-traffiku minn ġo San Pawl il-Baħar huwa jaqbel mal-pompa tal-petrol li issir.

Il-Kunsillier Graziella Galea staqsiet x'inbidel mis-sena l-oħra biex ser tinbidel id-deċizjoni tal-Kunsill u qrat l-vot li ttieħed dwar l-appel.
Il-Kunsillier Paul Bugeja għamel referenza għal vot li ttieħed l-ewwel darba iżda l-Kunsillier Graziella Galea insistiet li qedin jitkelmu fuq il-vot tal-appel.

Il-Kunsillier Paul Bugeja qal li fil-laqgħa oriġinali il-maġġoranza kienet favur imma meta ġew indaqs fil-voti, ingħata Casting Vote.

Il-Kunsillier Stephen Cremona talab lil Kunsillier Graziella Galea biex tfittex il-minuti fejn juru l-ewwel vot li ttieħed iżda talbitu biex dawn isibhom hu stess.

Il-Kunsillier Joseph Vella għamel statement li l-ewwel darba ivvota skond il-kuxjenza iżda t-tieni darba permess ta' pressjoni min-naħa tal-Partit Nazzjonalista.
.
Il-Kunsillier Graziella Galea qalet li jekk il-Kunsillier Joseph Vella għamel xi mossa, tikkundanna kull aġir li ma jixraqx il-mejda.

Is sindku wissiet lil Kunsillier Joseph Vella biex ma jgħidx u jgħamel kummenti u diskors li ma jixraqx.

Il-Kunsillier Graziella Galea staqsiet kienx hemm xi tibdil mis-sena l-oħra l' hawn f'din l-applikzzjoni.

Il-Kunsillier Alfred Grima propona biex l-Kunsill imur għal-Vot għal proposta li l-Kunsill jirtira l-appell PAPB348 rigward PA 1514/16.  Il-Kunsillier Paul Bugeja ssekonda.

Sindku – Mayor : Anne Marie Fenech
Viċi Sindku – Daniel Grima
Kunsilliera – Councillors : Alfred Grima, Graziella Galea, Paul Bugeja, Mandy Buhagiar, Robert A. Piscopo, Joseph Vella, Antoinette Bezzina, Stephen Cremona, Daniel Grima, Dounia Borg, Rodney Galea, u Edward Bugeja.
Segretarju Eżekuttiv – Mariella Strout

6 Favur li jigi irtirat l-appel
Il-Kunsilliera Joseph Vella, Alfred Grima, Rodney Galea, Paul Bugeja, Edward Bugeja u Stephen Cremona

3 Kontra
Il-Kunsilliera Graziella Galea u Antoinette Bezzina, u s-Sindku Anne-Marie Fenech.

Is-Segretarja Ezekuttiva nformat li ser issir komunikazzjoni ma' l-Avukat biex jiġi irtirat l-appel. Il-Kunsillier Alfred Grima talab kopja.
Staqsiet x'għanda tkun ir-risposta tagħha lil-medja u l-Kunsill qabel li għandha twieġeb bid-deċizjoni tal-Kunsill.

**61.3 - Tmiem il-laqgħa -**

<IFFIRMATA>
____________________
Anne – Marie Fenech
Sindku

<IFFIRMATA>
_________________________
Mariella Strout
Segretarju Ezekuttiv

DRAFT